MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 112/2011

**Paul u Pawla konjugi Camileri karta ta' l-identita' [95238M] u [0180537M] rispettivament**

**vs**

**Carmen Caruana karta ta' l-identita' [1047548M]**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti fejn jesponi bir-rispett;

1. Illi l-esponenti huma l-propretarji tal-fond 22, Trejqet Iben il-Hali, Zurrieq in forza ta' kuntratt tal-bejgh in atti n-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle datat ghaxra ta' Gunju elf disa' mija hamsa u sebghin (10.06.1975) hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

2. Illi meta nxtara mill-esponenti, dan il-fond kien qed jigi mikri lil precedessur tal-konvenuta Felicia

Caruana, liema kirja ghaddiet ghal fuq il-konvenuta mal-mewt tal-istess Felicia Caruana.

3. Illi tali fond kien jigi mikri lill-konvenuta versu l-kera ta' €23 fis-sena, li kienet tithallas kull sitta (6) ta' Lulju, liema kera illum tinsab awmentata ghall-ammont ta' mija hamsa u tmenin euro (€185) ai termini tal-Att X tal-2009, b'effett mill-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (1.01.2010)

4. Illi l-konvenuta hija moruza fil-hlas ta' zewg skadenzi, liema skadenzi jammontaw ghas-somma ta' mitejn sebgha u sittin euro u hamsa u hamsin euro centezmi (€267.55) u dan nonostante li giet interpellata sabiex thallas permezz tal-ittri ufficjali fil-11 t'Awissu, 2010 u fis-27 ta' Lulju, 2011 kopji hawn annessi u mmarkati Dok B u C.

5. Illi di piu l-konvenuta qieghda zzomm l-istess fond maghluq bi pregudizzju ghal esponenti stante illi hija m'hijiex qed tabita fl-istess fond izda fil-fond ufficjalment maghruf bhala numru 10, Trejqet Iben il-Hali, Zurrieq.

6. Illi dawn in-nuqqasijiet da parte tal-konvenuta jikkostitwixxi ragunijiet validi fil-ligi sabiex ir-rikorrent jirriprendi l-pussess tal-fond mghoddi lill-konvenuta b'kea kif aktar il' fuq indikat.

7. Illi sa fejn jaf l-esponent, l-konvenuta ma ghandiex difiza x'taghti kontra t-talba tal-esponent u b'dan il-Bord jista' jghaddi ghad-decizzjoni b'dispenza mis-smiegh tal-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord, prevja kull dikjarazzjoni oppurtuna;

i. jisma' din il-kawza b'dispensa mis-smiegh tal-provi u dan ai termini tal-artikolu 16A ta' Kap 69 u

ii. jordna ir-ripreza tal-fond u l-konsegwenti zgumbrament tal-intimati mill-imsemmi fond ghar-

ragunijiet infraskritti u dan f'terminu qasir u peretorju li jipprefiggi dan l-Onorabbli Bord.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Ra l-atti tar-rikors;

Ra illi l-intimata debitament notifikata bl-odjerna procedura naqset milli tidher biex tikkontesta l-kawza;

Ra illi jokkorri l-elementi kollha kif ravvizati fl-artikolu 9(a)(i) kwantu jirrigward l-akkampata morozita' kif ukoll dawk fl-artikolu 9(a) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u r-rikorrenti esebew kopja tal-ittri interpellatorji sabiex jiskontaw l-oneru tal-prova fuqhom impost skond il-ligi. Fin-nuqqas ta' objezzjoni tal-intimata, dan il-Bord ma setghax jaghmel ezami aktar profond tal-fattispecie tal-kaz kif obbligat jaghmel sabiex jikkonserva l-kirja;

Stante ghalhekk illi jirrizultaw l-elementi kollha rikjesti mil-ligi;

Il-Bord, bid-dispensa ta' smiegh skond l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, jilqa' t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-fond indikat fir-rikors promutur u dan wara tletin (30) jum mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------